Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. KAROL AQUILINA (KI. 516879M)

(SEWQAN TA' VETTURA BI TRASKURAĠNI JEW B'NUQQAS TA' KONT – KAP. 65 ART. 15(1)(A)(2),(3))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**29 ta' Settembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Karol Aquilina, detentur tal-karta tal-identità numru 516879M imwieled H'Attard u residenti is-Siġġiewi ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni,

wara li semgħet lill-Imputat jixhed,

wara li rat u fliet id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Nicholas Vella,
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Peter Fenech,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-Imputat bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli nhar it-3 ta' Ġunju 2019 saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni "ADQ002" ġewwa l-Marsa:

    1. B' manjiera traskurata (Kap. 65, Art. 15(1)(a), (3)),

2. B'manjiera bla kont (Kap. 65, Art. 15(1)(a), (2)).

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija l-ħati jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta` żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

**Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni**

3. Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021, xehed **<u>Brandon Pisani</u>**, rappreżentant tal-*Community and Media Relations Unit* fi ħdan il-Korp tal-Pulizija u l-*Media Officer* responsabbli għal dak kollu li għandu x'jaqsam mar-rikjesti li jkollha l-Pulizija mill-*media,* xehed fost affarijiet oħra illi wara li s-sena l-oħra kien ħareġ filmat partikolari waqt il-programm "Pjazza" fuq l- istazzjon televiżiv "ONE", it-taqsim tiegħu kienet bdiet tirċievi diversi rikjesti minn *Media Houses* b'domandi dwar jekk il-Pulizija kienet qed tinvestiga l-każ:

*"Bhala procedura li nahdmu biha huwa li malli nircievu r-request domandi minghand kwalunkwe media house ahna nirreferu dawn id-domandi ghall-views tad-dipartimenti koncernati, f' dan il- kaz kien is- sezzjoni tat- traffic. Id- domandi bghatna dan ir- request nifforwerdjaw dan ir- request, nipprocessaw billi nifforwerdjaw dawk id- domandi minghajr just to the head tad-Dipartiment koncernat. Dak iz- zmien kellna mbaghad struzzjoni mill- assistent kummissarju li kien responsabbli mit- traffic fejn talabna iktar informazzjoni, fejn talab ukoll lili bhala ufficjal responsabbli minn dan id- dipartiment tal- kommunikazzjoni sabiex ahna ngibu l- filmat ta' dawk id- domandi ghaliex id- domandi li rcivejna just kienu bhala domandi allura min- naha tal- head tad- dipartiment tat- traffic xtaq li jkollu l- filmat sabiex ikun jista' jipprocessa t- talba."*

4. Ix-xhud għalhekk talab dan il-filmat mill-*media house* in kwistjoni u esebih fuq DVD bħala Dok BP1.[1] Dan huwa l-filmat li deher waqt il-programm fuq imsemmi.

5. In kontroeżami xehed illi kien l-Assistent Kummissarju Anthony Cassar, dak iż-żmien responsabbli mis-sezzjoni tat-Traffiku, li kien talbu jottjeni l-filmat. Ikkonferma ukoll illi qabel akkwista l-filmat in kwistjoni minn ONE TV, it-taqsima tiegħu ma' kellix dan il-filmat fil-pussess tagħha:

[1] Fol 16

*"Dak iz- zmien meta kien hareg dak il- filmat dak l- uniku wiehed jien li nista' nitkellem li rajt. Jiena qatt ma kont rajtu qabel. Ahna tlabna kif naghmlu procedura stabbilita procedura normali, nitolbu mhux dan il- kaz biss, il- kazijiet kollha, nitolbu ghall- informazzjoni u jekk hemm bzonn filmat nitolbu lill- media house biex jghaddulna l- filmat".*

6. Mistoqsi mill-Qorti jekk personalment jafx jekk hemm xi filmat ieħor tal-inċident in kwistjoni, ix-xhud irrisponda fin-negattiv.

7. Fil-filmat in kwistjoni jidher *inter alia* is-segwenti:

    1. 03/06/2019, 08:11:25: Filmat meħud minn *dashcam* ta' vettura li qegħda ssegwi vettura oħra tat-tip Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni DV 01 miexja fuq il-karreġġjata ta' barra. Din il-vettura tixgħel l-*indicator* u ddur fuq il-karreġġjata tax-xellug sabiex tinżel is-*slip road* li tagħti għal Triq Diċembru Tlettax u ssegwi mutur tal-pulizija ("Mutur tal-Pulizija 1") li qed jinstaq fl-istess direzzjoni. L-istess tagħmel il-vettura li minnha qed jittieħed il-filmat.

    2. 03/06/2019, 08:11:33: Fl-istess filmat, filwaqt li Mutur tal-Pulizija 1 jasal sat-tarf tas-*slip road*, il-vettura DV 01 kif ukoll il-vettura li qed issegwiha (u li minnha qed jittieħed il-filmat) jżommu man-naħa ta' barra tan-niżla li għalkemm mill-wisa' tagħha tesgħa faċilment żewġ vetturi ħdejn xulxin madanakollu hija *single lane*. L-ewwel żewġ karozzi li jiltaqgħu magħhom jiġbdu lejn in-naħa tax-xellug biex iħalluhom jgħaddu. Sakemm jaslu sa' ftit qabel l-*i*Stop sign li hemm fl-aħħar tas-*slip road* ż-żewġ vetturi jilħqu jaqbżu seba' vetturi li lkoll qegħdin fuq in-naħa tax-xellug tan-niżla.

    3. 03/06/2019, 08:11:46: Dejjem in kontinwazzjoni tal-istess filmat, ftit qabel it-tarf tas-*slip road*, Mutur tal-Pulizija 1 jasal fi Triq Diċembru Tlettax u jieqaf quddiem il-vetturi li jinsabu għaddejin minn dik it-triq fid-direzzjoni lejn il-Belt u jagħmel sinjal lis-sewwieqa sabiex jieqfu. Il-vettura DV 01 tasal tersaq lejn it-tarf tan-niżla ħdejn l-*iStop* sign. Fuq in-naħa ta' ġewwa pero iżjed 'l quddiem tidher il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ADQ002. Il-vettura DV 01 tħalli lil mutur tal-pulizija ieħor ("Mutur tal-Pulizija 2") jaqbiżha u dan joħroġ ukoll għal Triq Diċembru Tlettax bil-bozza tas-sirena mixgħula u jieqaf ftit ħdejn Mutur tal-Pulizija 1 li qed iżomm it-traffiku li ġej fid-direzzjoni lejn il-Belt.

4. 03/06/2019, 08:11:58: Il-vettura DV 01 tasal sat-tarf tas-*slip road* ħdejn l-i*Stop sign.* Maġenba fuq in-naħa ta' ġewwa hemm il-vettura ADQ002 li ukoll tasal sal-*iStop sign* u **tieqaf**. Vleġġa ħamra *superimposed* fuq il-filmat tidher tindika lil din il-vettura u l-filmat jieqaf għal ftit sekondi. Il-filmat ikompli. Quddiem il-vettura ADQ002 hemm vettura oħra li toħroġ għal Triq Diċembru Tlettax u tibqa' sejra. Il-vettura DV 01 toħroġ għal Triq Diċembru Tlettax iżda tissikka xi ftit lill-vettura ADQ002 li ukoll toħroġ warajha għall-istess triq fil-karreġġjata ta' ġewwa. Il-vettura li minnha qed jinġibed il-filmat issegwi lill-vettura ADQ002 u toħrog ukoll fi Triq Diċembru Tlettax. Sadanittant it-traffiku li ġej mid-direzzjoni tal-Belt għadu wieqaf taħt struzzjonijiet tal-Mutur tal-Pulizija 1.

5. 03/06/2019, 08:12:04: Il-vettura DV 01 tiġbed lejn il-karreġġjata ta' barra u quddiemha jidher qed isuq il-Mutur tal-Pulizija 2 dejjem bil-bozza tas-sirena mixgħula, it-tnejn lejn id-direzzjoni tal-Belt. Il-vettura ADQ002 li sa' issa kienet għadha fuq il-karreġġjata ta' ġewwa **tixgħel l-*indicator*** u taqbeż għall-karreġġjata ta' barra. Eżattament warajha l-istess tagħmel il-vettura li minnha qed jittieħed il-filmat.

6. 03/06/2019, 08:12:10: Il-vettura ADQ002 tgħaddi minn ħdejn u taqbeż il-Mutur tal-Pulizija 2 li jqiegħed fuq il-karreġġjata ta' ġewwa u li jnaqqas ftit mill-veloċita. Mutur tal-Pulizija 2 jixgħel l-*indicator* u jaqleb għall-karreġġjata ta' barra wara l-vettura ADQ002. Wara l-Mutur tal-Pulizija 2 tinsab il-vettura li minnha qed jittieħed il-filmat. Quddiem il-vettura ADQ002 tinsab il-vettura DV 01. Il-Mutur tal-Pulizija 2 jidher viċin sew tal-vettura ADQ002 u jinsab fuq in-naħa ta' barra tal-karreġġjata ta' barra viċin ferm tas-*Central Strip.* Jgħaddu taħt il-pont ta' Triq il-Marsa u javviċinaw sett ta' *traffic-lights.* Sadanittant il-vettura DV 01 taqleb għall-karreġġjata ta' ġewwa u l-istess tagħmel il-vettura li minnha qed jittieħed il-filmat.

7. 03/06/2019, 08:12:24: Ċirklu aħmar *superimposed* fuq il-filmat jidher jindika li t-*traffic lights* qegħdin fuq l-aħmar. Maġenb it-*traffic lights* fuq in-naħa ta' barra jidhru żewġ uffiċjali lebsin *high visibility jackets* li qed jagħmlu **sinjal b'idejhom lejn is-sewwieqa sabiex jibqgħu għaddejjin**. Il-filmat jimxi bil-mod f'dan l-istadju. Il-vettura li minnha qed jittieħed il-filmat taqbeż it-*traffic lights.* Il-filmat jieqaf fil-ħin 08:12:27.

8. 03/06/2019, 08:12:22: Jibda it-tieni filmat li jidher meħud minn vettura oħra fuq il-karreġġjata ta' barra fi Triq Diċembru Tlettax appena din tgħaddi minn taħt il-pont ta' Triq il-Marsa. Jidher il-Mutur tal-Pulizija 1 bi vleġġa ħamra fuqu (*superimposed* fuq il-filmat) fuq il-karreġġjata ta' ġewwa jaqbeż il-vetturi. Il-vettura li minnha qed jittieħed il-filmat tinsab fuq il-karreġġjata ta' barra u quddiema fl-istess karreġġjata hemm vann iswed. Il-vann iswed u l-vettura li minnha qed jittieħed il-filmat jaqilbu għall-karreġġjata ta' ġewwa, jaslu lejn it-*traffic lights* mixgħulin fuq l-aħmar, u jibqgħu għaddejin.

9. 03/06/2019, 08:12:34: Il-Mutur tal-Pulizija 1 li qegħda fil-karreġġjata ta' ġewwa jilħaq lill-vettura ADQ002 li għada fuq il-karreġġjata ta' barra. Il-pulizija jidher jħares lejn ix-xufier tal-vettura ADQ002 u dlonk jaqbżu għal fuq il-karreġġjata ta' barra. Sadanittant il-Mutur tal-Pulizija 2 għadu għaddej wara l-vettura ADQ002 isuq viċin tiegħu fl-istess karreġġjata fuq in-naħa ta' barra. Il-bozza tas-sirena tidher mixgħula u tteptep.

10. 03/06/2019, 08:12:38: Il-Mutur tal-Pulizija 2 jagħmel manuvra biex **minn ġewwa** jaqleb għall-karreġġjata ta' ġewwa fl-istess ħin eżatt illi l-vettura ADQ002 **tixgħel l-*indicator*** u tibda manuvra biex anke hi taqleb għall-karreġġjata ta' ġewwa. Iż-żewġ vetturi jersqu qrib xulxin. Il-vettura ADQ002 tnaqqas mill-veloċita, tħalli lill-Mutur tal-Pulizija 2 jgħaddi. Il-Mutur tal-Pulizija 2 jiġi quddiem il-vettura ADQ002 iżda immedjatament jerġa jaqleb għall-karreġġjata ta' barra u f'dan il-mument jaqbeż lill-Mutur tal-Pulizija 1 illi qiegħed fil-karreġġjata ta' barra. Il-pulizija fuq il-Mutur tal-Pulizija 1 li qiegħed biswit il-vettura ADQ002 jagħmel sinjal b'idu lix-xufier tal-vettura ADQ002 u jaqleb għal quddiemu fil-karreġġjata ta' ġewwa. Il-pulizija fuq il-Mutur tal-Pulizija 2 inaqqas ftit mill-veloċita u huwa ukoll jidher li qed jagħmel mossa b'idu lix-xufier tal-vettura ADQ002. Il-vettura li minnha qed jinġibed dan it-tieni filmat taqleb għall-karreġġjata ta' barra.

11. 03/06/2019, 08:12:52: F'dan il-punt iż-żewġ muturi tal-pulizija huma biswit xulxin, il-Mutur tal-Pulizija 1 fil-karreġġjata ta' ġewwa quddiem il-vettura ADQ002 u l-Mutur tal-Pulizija 2 fil-karreġġjata ta' barra. Ix-xufier tal-vettura ADQ002 jidher joħroġ idu mit-tieqa u jagħmel mossa lill-pulizija ta' quddiemu. Iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija jidher li qed jgħidu xi ħaġa lil xulxin. Il-pulizija li qed isuq Mutur tal-Pulizija 1 jħares warajh fid-direzzjoni tax-xufier tal-vettura ADQ002. Il-Mutur tal-Pulizija 2 jżid il-veloċita fuq il-karreġġjata ta' barra u jitlaq 'l quddiem.

12. 03/06/2019, 08:13:03: F'dan il-punt il-Mutur tal-Pulizija 1 li għadu fuq il-karreġġjata ta' ġewwa quddiem il-vettura ADQ002 jidher inaqqas fil-veloċita' hekk kif jasal għall-*intersection* li tmiss mal-bidu ta' Triq Stiefnu Zerafa. Il-vettura li minnha qed jinġibed il-filmat u li għadha fuq il-karreġġjata ta' barra żżid il-veloċita u l-vettura ADQ002 u l-Mutur tal-Pulizija 1 joħorġu mill-*line of vision* tal-*camera*. Wara ftit sekondi jintemm il-filmat u jitla l-logo tal-programm "Pjazza".

8. Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021 xehed ukoll **PC 328** li spjega li dakinhar hu flimkien mas-Surġent Matthew Cachia kienu xogħol ta' skorta bil-mutur ma' delegazzjoni. Skond hu l-*convoy* tal-vetturi kien kemmxejn twil. Meta mistoqsi biex jagħti dettal fuq l-allegat inċident huwa wieġeb kif ġej:

*"PC 328: Ha nerga' nghidha u skuzani ma rridx ninstema' li qed nilghab bil- kliem. Ghadda hafna zmien. Pero' naf li dahlitilna vettura fl- iskorta fil- convoy tal- karozzi. Jiena u s- Surgent Matthew ghamilna xoghlna blu light, sireni, ghamilna storbju biex iwarrbu min- nofs. Dik l- istorja kollha ... Jiena, bhalma dejjem konna nahdmu, ma nistghux naqbdu karozza b' idejna u nressquha. Jiena jekk forsi taraw il- filmat jekk niftakar sew, ghalinqas kif kont nahdem jien, intfajt on the right hand side bejn il- karozza vicin ic- central strip biex nipprova niddeffes storbju biex jersaq. Eventwalment hekk gara. Pero' tghidlix x' sar u ma sarx ghax ahna dak il- hin mohhna jghidilna ghandna vettura tghajjarha ha nghaddu. Fhimt? Id- diskors teighi forsi qieghed imma min jaghmel ix- xoghol bhali jifhimni. Qed tifhimni? ... Mela jiena filli kont qieghed warajh on the right hand side u filli jien mort u qbiztu minn gewwa, mil- lane ta' ġewwa. ... Mill- filmat qaleb il- lane meta kont qed naqbzu minn gewwa jiena. Dik l- istorja kollha."*

Ikkonferma li l-vettura in kwistjoni kienet tat-tip Nissan u li din inqalgħet mill-iskorta. Qal li għarfu lill-Imputat  bħala s-sewwieq tal-istess vettura meta qabżu l-istess vettura

Meta ġie mistoqsi 'l għala prova jaqla' lill-Imputat minn ġewwa, ix-xhud wieġeb hekk:

"*PC 328: Ghax ma stajtx nghaddi minn fuq ic- central strip. Minn x' imkien ridt nghaddi. Ahna dak il- hin, nerga' nghidha, mohhna jghidilna l- karozza nehhiha mill- iskorta.*"

*Konna xoghol mad- delegazzjoni bil- mutur mal- iskorta konna jiena u s- Surgent Matthew Cachia. Kellna convoy ma nafx kemm kellna karozzi imma kien daqsxejn twil."*

Ix-xhud ikkonferma illi hu u l-uffiċjal tal-Pulizija l-ieħor kellhom d-dwal il-blu mixgħul, is-sireni jixegħlu u l-*air horn* magħfus kontinwament. Wara li lestew ix-xogħol tagħhom is-Surġent Matthew Cachia daħħal ir-rapport.

In kontroeżami kkonferma li l-Imputat ma' kienx għaddej b'xi "*speed partikolari*" u ma' setax jiftakar jekk l-Imputat għamilx xi sinjali fid-direzzjoni tal-pulizija. Meta ġie mistoqsi huwa jekk kienx ra lill-Imputat jixgħel l-*indicator* meta ġie biex jaqleb għall-karreġġjata ta' ġewwa huwa wieġeb kif ġej:

*"Avukat: Mela, indicator rajtu li kien xeghlu?*
*PC 328: Le, dak il- hin le.*
*Avukat: Ghaliex kont diga avvanzjat.*
*PC 328: Dak il- hin ezatt. Kien mohhi biex naqbżu"*

9. L-aħħar xhud mressaq mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021 kien **<u>Charles Zammit</u>** li huwa fin-negozju ta' *chauffeur services* u li huwa sid il-vetturi li kienu qegħdin jiġu eskortati mill-pulizija. Dakinhar tal-inċident huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DV 01. Fuq dak li ġara dakinhar jgħid hekk:

*"Konna sejrin biex nibdew delegazzjoni bi skorta tal- pulizija. Konna nezlin lejn Triq Dicembru 13 u harget karozza ghal go nofs il- motorcade. Imma jekk niftakar sew naf konna tlieta karozzi. Jien kont l- ewwel karozza, fil- filmat tidher DV 01 ghax ikollna pjanci differenti. Imbaghad ma niftakar xejn iktar ghax ovvjament jien kont l- ewwel wiehed allura jien ghaddejt. X' gara huwa kollu wara u mill- filmat ghax kull karozza ghandha dashcam."*

Jgħid li skond kif jiftakar dakinhar il-vetturi tiegħu kienu tlieta, waħda Mercedes S class, waħda Mercedes C class u l-oħra Mercedes Van.

Meta ġie mistoqsi kif il-filmati tad-*dashcams* spiċċaw għand il-Pulizija x-xhud wieġeb kif ġej:

*"Charles Zammit: Hekk hu. Mela, kif wasalna l- lukanda l- pulizija wara ftit gew fuqi u talbuni l- film ghax riedu juruh lis- superjuri taghhom. Jiena ghamiltha cara, ghidtlu isma' ara ma tohrogux f' xi Facebook jew affarijiet hekk. Avukat: Mela min talabulek l- ewwelnett? Liema pulizija talabulek? Charles Zammit: Wiehed mill- pulizija tat- traffik. Avukat: Ma tafx min? Charles Zammit: Matthew Cachia."*

Ix-xhud ikkonferma li huwa ġabar il-filmati minn fuq kull *dashcam* tal-vetturi tiegħu li kienu fid-delegazzjoni u għaddihom lis-Surġent Matthew Cachia u lil ħadd iżjed u dan kellu jurihom lis-superjuri tiegħu. Ikkonferma ukoll li huwa ħalla l-filmati kif inhuma u ma' għamel l-ebda *editing* fuqhom. Qal ukoll illi l-filmati ma' baqgħux fil-pussess tiegħu.

In kontroeżami spjega li fil-vetturi tiegħu ma' kien hemm ħadd ħlief is-sewwieqa impjegati tiegħu. Fuq dan il-punt elabora iżjed billi qal illi l-vetturi kienu diġa ġew imfittxija (ossija *screened*) u allura l-awtoritajiet ma' jkunux jridu lil dawn il-vetturi jiġu in kuntatt ma' xi ħadd u hija dik ir-raġuni 'l għala huma jiġu eskortati.

10. L-aħħar xhud tal-Prosekuzzjoni, ossia s-Surġent Matthew Cachia, kien imsiefer fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021 u għalhekk din ġiet differita għall-15 ta' Frar 2022 għall-għeluq tal-provi tal-prosekuzzjoni u, jekk ikun il-każ, għall-provi tad-difiża. Għal kull bwon fini dan id-differiment fit-tul kien dovut għall-fatt illi l-Qorti kif presjeduta hija ffaċċjata b*'backlog* qawwi ta' kawżi pendenti tat-Traffiku b'konsegwenza tad-direttivi varji maħruġa mis-Supretindent tas-Saħħa Pubblika bejn Marzu 2020 u Ġunju 2021 sabiex jiġi prevenut t-tixrid tal-Covid-19.

11. Fit-12 ta' Awwissu 2021 wara li l-Prosekuzzjoni infurmat illi x-xhud imsemmi kien irritorna lura Malta, l-Imputat intavola rikors sabiex il-Qorti tirrikjama l-kawża għal data aktar viċina. Permezz tar-risposta tagħha tal-20 ta' Awwissu 2021 il-Prosekuzzjoni ma' oġġezzjonatx għal din it-talba u għalhekk permezz tad-digriet tagħha tal-24 ta' Awwissu 2021 il-Qorti laqgħet it-talba u rrikjamat il-kawża għad-29 ta' Settembru 2021 f'12pm.

12. Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 xehed bil-ġurament **PS 1196 Matthew Cachia** li ftit jew wisq ikkorrabora dak li kien qal ix-xhud l-ieħor PC 328 fosthom illi dakinhar huwa kien skorta flimkien ma' PC 328 bil-mutur ma' *convoy* ta' vetturi u li

waqt li kienu ħerġin minn fuq *stop sign* għal Triq Diċembru Tlettax, vettura bin-numru ADQ002 "ħarġitilhom f'nofs il-convoy". Huwa qal li x-xufier ta' dik il-vettura ma' obdiex l-istruzzjonijiet tagħhom sabiex jaqleb għall-karreġġjata l-oħra. Kif spiċċaw l-iskorta huwa niżel il-Kwartieri tal-Pulizija, tella n-numru tal-vettura fuq id-*database* tal-pulizija u identfika x-xufier bħala Dr. Karol Aquilina. Huwa infurma lill-Ispettur PierGuido Saliba b'dan li min-naħa tiegħu qallu biex jibgħat lil Dr. Karol Aquilina. Meta ċempillu dan irrifjuta li jiġi u qallu biex minflok ikellem lill-Ispeaker tal-Kamra. Meta informa b'dan lill-Ispettur PierGuido Saliba dan qallu li ser jinfurma lil ta' fuqu. Sussegwentement ix-xhud ingħata struzzjonijiet sabiex jottjeni l-filmati mill-proprjetarju tal-vetturi li kienu qed jiġu skortati. Dan għamel hekk minkejja r-reluttanza tal-proprjetarju li widdbu sabiex dawn il-filmati ma' jispiċċawx fuq is-*social media.* Ix-xhud għadda l-filmat li kien irċieva bil-WhatsApp mingħand il-proprjetarju lill-Ispettur PierGuido Saliba, ukoll bis-sistema tal-WhatsApp. Minn dak il-punt 'l quddiem ix-xhud ma' kienx involut iżjed stante illi s-Superjuri tiegħu qalulu sabiex iħalli f'idejhom.

13. In kontroeżami x-xhud ikkonferma li huwa kien ma' kienx irċieva l-filmat editjat li ġie esebit fil-kors tal-kawża u li ntwera matul il-programm "Pjazza" iżda kien irċieva tlett filmati oriġinali liema filmati huwa għadda lill-Ispettur Saliba fl-istat oriġinali tagħhom.

14. Wara li l-Prosekuzzjoni għalqet ix-xhiedha tagħha, xehed l-Imputat **<u>Dr. Karol Aquilina</u>** li qal li dakinhar huwa kien sejjer lejn il-Belt għal seduta parlamentari ta' filgħodu. Huwa għadda mill-i*Slip Road* li tagħti għal Triq Diċembru Tlettax (Marsa) li hija *single lane* u peress li għaddew il-muturi tal-Pulizija ġibed min-nofs tagħha għan-naħa ta' ġewwa u waqaf fuq l-i*Stop Sign* sabiex ikun jista' jara aktar ċar il-vetturi li jkunu ġejjin minn Triq Diċembru Tlettax sejrin fid-direzzjoni tal-Belt. Jgħid li f'ħin minnhom għaddiet vettura Mercedes sewda minn miegħu eżatti u dak il-ħin huwa ħareġ għal Triq Diċembru Tlettax u żamm mal-karreġġjata tax-xellug. Jaf li f'ħin minnhom ġie mutur warajh iżda ma' għamillux sinjali sabiex jaqleb għall-*lane* l-oħra. X'ħin wasal ħdejn it-*traffic lights* ra lill-uffiċjali ta' Transport Malta li, kif jiġri diversi drabi anke sal-ġurnata tal-lum, ikunu qed jidderiġu lin-nies sabiex jibqgħu għaddejin minkejja li t-*traffic lights* jkunu ħomor u dan sabiex it-traffiku jimxi iżjed. Huwa baqa' għaddej kif baqgħu għaddejin il-vetturi ta' quddiemu u ta' warajh. F'ħin minnhom huwa ra li warajh kien hemm PC 328 fuq mutur. Xegħel l-i*ndicator,* ħares fil-mera tan-nofs, tal-ġenb u beda jimmanuvra sabiex jaqleb lejn il-karreġġjata ta' ġewwa. F'dan il-punt il-mutur ta' warajh pruva jaqbżu minn ġewwa, l-imputat rah, inħasad u naqqas il-veloċita sabiex jevitah. Fl-ebda ħin ma' injora xi ordnijiet tal-

Pulizija. Huwa insista illi filwaqt li kien hu li jidher fil-filmat muri fil-Qorti, dan il-filmat kien ġie "mmanipulat" minn tlett filmati differenti. Insista ukoll illi ma' kien ġara xejn f'dak l-inċident u li "*m'huwiex normali li xi ħadd jipprova jaqbżek min-naħa ta' ġewwa*".

**Kunsiderazzjoni dwar ħtija**

15. L-imputat qiegħed jiġi akkużat li saq b'mod traskurat u b'nuqqas ta' kont.

16. L- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jipprovdi hekk:

*'15. (1) Kull min -*

*(a) isuq vettura bil-mutur ... b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż,... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.'*

17. Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdi illi:

*'(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.*

*'(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem'*

18. L-Artikolu 15(3) jipprovdi illi:

*'(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem'*

19. Dwar il-prova fuq dawn iż-żewġ akkużi, ċioe' il-prova ta' sewqan b'mod traskurat, u bla kont, u kif ukoll dwar is-sewqan b'mod perikoluż (li pero mhux qiegħed jiġi akkuzat bih l-imputat f'din il-kawża) il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-

sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**' illi:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

20. L-Artikolu 15(1)(a) jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

21. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jason Scerri**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

*"Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."*

*Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet*

*ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."*

*Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."*

22. Fl-istess seduta d-Difiża talbet l-isfilz tal-filmat esebit fuq id-DVD a fol 16 tal-proċess stante illi dan ma' ġiex ikkonfermat bil-ġurament mill-persuna li ħaditu u stante illi dan ma' kienx il-filmat oriġinali li kien ġie mgħoddi lill-Pulizija. Il-Prosekuzzjoni oġġezzjonat u l-Qorti ċaħdet it-talba stante illi ħasset illi jkun fl-aħjar interess tal-ġustizzja li dan jibqa' fl-atti.

23. Il-Qorti tmur oltre minn hekk. Il-filmat innifsu, għalkemm *editjat*, m'huwiex inveritier u juri b'mod ċar illi fl-ebda stadju ma' kien hemm xi sewqan min-naħa tal-imputat li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Wisq anqas xi sewqan fejn l-imputat deliberament ħa riskji li m'għandux jieħu minħabba l-probabilta' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi.

24. Il-Qorti hija inkredula kif minkejja li l-imputat jidher b'mod ċar illi f'kull ħin u f'kull mument huwa osserva l-liġijijiet kollha tat-traffiku, inkluż li jieqaf fuq l-*i*Stop sign u jixgħel l-*indicator* fejn rikjest, huwa ġie mressaq b'dawn l-akkużi.

25. Dan kollu meta *sopra corne bastonate* jidher ċar ukoll illi jekk kien hemm manuvra perikoluża din kienet daparti tal-uffiċjal tal-pulizija li mhux biss żamm b'mod

esaġeratament viċin mal-vettura tal-imputat, iżda *di piu* qalgħu min-naħa ta' ġewwa proprju fil-punt illi l-imputat kien qiegħed jixgħel l-*indicator* biex jmur fuq il-karreġġjata ta' ġewwa.

26. Il-Qorti tifhem u tapprezza x-xogħol tal-Pulizija tat-traffiku li jwettqu xogħolhom fit-toroq Maltin f'ċirkustanzi xejn faċli u b'periklu għas-sigurta' tagħhom. Madanakollu l-Qorti tħoss illi għalmenu f'dan il-każ partikolari l-aġir tal-pulizija, partikolarment il-manuvrar ripetut minn karreġġjata għal oħra u skambjar tal-posizzjonijiet tagħhom (iżjed u iżjed meta l-ebda persuna ma' kienet qed tiġi eskortata, iżda kienu qed jiġu eskortati biss vetturi li kienu għadhom kemm ġew *screened* għas-sigurta tal-persuni li kienu ser jinġabru fi ftit ħin), aġir ripetut li addirittura huwa reminixxenti ta' wirja tal-piloti tar-*Red Arrows* fuq l-art, kien xi ftit sproporzjonat u seta' ħoloq periklu bla bżonn għas-sewwieqa li kienu għaddejin mit-triq.

**Deċiżjoni**

27. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u ħtija peress illi dawn assolutament ma' jirriżultawx.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |